# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PARZJALI NUMRU 1896

**Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.**

Kaz Numru 2557/LC

Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn

Rita Borg

vs

Direttur ghat-Turizmu u Servizzi Korporattivi, u b'Digriet ta' l-4 ta' Marzu 2008 giet kjamata fil-kawza s-Supretendenza tal-Patrimonju Kulturali

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi inġusta.

Illum 13 ta' Jannar 2009

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Rita Borgt ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fil-15 ta' Dicembru 2008, u ffirmata mill-avukat Noel Camilleri.

DIKJARAZZJONIJIET

Fir-Rikors promotorju r-rikorrenti tiddikjara li b'ittra tal-10 ta' Dicembru 2007 hija giet infurmata li l-kuntratt ta' impieg definit taghha bhala *Personal Assistant to the Superintendent* mas-Superintendence of Cultural Heritage kien ser jibqa' wiehed ghal terminu ta' zmien fiss u dan peress illi hija giet ingaggata bhala persuna ta' fiducja. Tghid li dan ikkwazalha danni ghas-segwenti ragunijiet li fil-qosor huma li (1) id-Direttur ma mexiex sew maghha wara li hija uriet il-preokkupazjonijiet taghha fuq il-mod kif kienu qed jitmexxew certi affarijiet; (2) din id-decizjoni ghandha titqies nulla u invalida stante li s-

Supretendent naqas li jiltaqa' mal-partijiet koncernati, u dan mhux minhabba xi nuqqas da parti taghha; (3) li hija kienet waqfet mix-xoghol fuq perjodu ta' sick-leave u b'daqshekk ma riditx tittermina l-impieg taghha; (4) li dan wassal biex l-impieg taghha ma giex konvertit f'wiehed indefinit minkejja li hija kinet ilha fl-impieg aktar minn erba' snin; (5) li dan imur kontra Artikolu 7(1)(a) ta' l-Avviz Legali Numru 51 ta' l-2007 stante li dan jistabilixxi li kuntratt ta' xoghol definit ghandu jinbidel f'wiehed indefinit meta l-impieg ikun ta' aktar minn erba' snin, sakemm ma tinghatax raguni oggettiva ghall-kuntrarju, liema raguni oggettiva ma inghatatx lir-rikorrenti; oltre li l-ispjega li l-kariga tar-rikorrenti kienet wahda ta' persuna ta' fiducja mhix applikabbli; u (6) b'ittra tal-14 ta' Jannar 2008 l-impieg taghha gie terminat u inghatat *termination notice*.

Ir-rikorrenti ressqet id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha fejn spjegat li hija giet impjegata fit-22 ta' Lulju 2003 b'kuntratt ta' 5 snin, u xogholha dejjem ghamlitu b'mod ezemplari u wriet diligenza. Tghid li dan il-kaz sehh minhabba li uriet preokkupazzjoni dwar kif kienet ser tigi agudikata sejha ghal offerti partikolari, haga li wasslet ghal diversi allegazzjonijiet infondati maghmula mis-Supretendent Anthony Pace fil-konfront taghha. Imbaghad Francis Albani infurmaha li x-xoghol taghha kien ser jibqa' ghal zmien fiss bir-raguni oggettiva migjuba lilha tkun li l-impieg taghha kien ta' kariga ta' fiducja. Sussegwentement fl-14 ta' Jannar 2008 hija inghatat *termination notice* minghajr ma inghatat raguni valida ghal dan.

L-intimat ma ressaq ebda Dikjarazzjoni tal-Kaz, izda minflok ressaq rikors datat 12 ta' Frar 2008 li bih inghad li l-ittra li biha r-rikorrenti giet infurmata li l-impieg taghha ser jibqa' ghal perjodu fiss ma tistax tigi dikjarata nulla minn dan it-Tribunal, izda mill-Prim Awla tal-Qorti Civil, u ghadda biex talab lil dan it-Tribunal biex jiddikjara li dan il-kaz ma jaqax fil-kompitu tieghu.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, it-Tribunal ordna l-kjamata fil-kawza tas-Supretendenza tal-Patrimonju Kulturali wara rikors appositu tar-rikorrenti tat-13 ta' Frar 2008 u gie deciz li kellha tinghata decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-kompetenza sollevata bl-imsemmi rikors ta' l-intimat tat-12 ta' Frar 2008. In segwitu l-kjamata fil-kawza dahhlet rikors identiku ghal dak ta' l-intimat dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal, oltre li l-intimat u l-kjamata fil-kaz intavolaw nota konguntiva biex jindikaw li minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni minnhom imqajma, huma jkunu lesti jikkontestaw l-allegazzjoni ta' tkeccija ingusta anke fuq il-mertu. Ghalhekk din hija decizjoni fuq l-eccezzjonji ta' l-inkompetenza.

IL-PROVI

Il-provi prodotti kollha juru li r-rikorrenti giet ingaggata bhala Assistenta personali ghas-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali: dan huwa indikat bl-aktar mod car fil-kuntratt ta' l-impieg, fir-records tal-Korporazzjoni ghall-Impiegi u Tahrig, u mill-metodu adottat biex ir-rikorrenti setghet tigi impjegata.[1] Jirrizulta li s-Supretendent tal-Patrimonju Kulturali kellu bzonn impjegata mentri r-rikorrenti kienet qed tfittex xoghol. Oht ir-rikorrenti kienet taf lill-mara tas-supretendent u tkellmu fuq dan. Is-Supretendent Dr Anthony Pace baghat ghar-rikorrenti, ghamlilha interview u sabha adattata biex tigi impjegata. Jidher li l-uniku mezz kif is-supretendent seta' jimpjega lir-rikorrenti direttament kien billi jimpjegaha bhala personal assistant. Jidher ukoll li s-Sovraintendenza mhux tant kienet tirrikjedi *personal assistant*, imma biex tkun tista' tinqabez il-procedura normali ta' l-ETC gie deciz li r-rikorrenti giet impjegata bhala personal assistant. Ir-rikorrenti tilmenta li ghalkemm hija kienet kapaci taghmel xoghol ta' personal assistant skond kif elenkat fil-job-description, hija kienet tinghata biss doveri ta' skrivana.

[1] Vide ittra mill-ETC datata 18 ta' Lulju 2003 - DOK AP2, dokumenti RS1 u xhieda ta' Raphael Scerri.

Hawnhekk it-Tribunal ma jistax ma jiddeplorax id-decizjoni tas-Sovraintendenza li timmanipula l-proceduri stabbiliti sabiex persuna tigi impjegata b'mod dirett, kif ukoll l-atteggament tar-rikorrenti li tilmenta mid-doveri moghtija lilha bhal biex turi li hija ma gietx impjegata f'pozizzjoni ta' fiducja izda f'pozizzjoni ta' skrivana b'salarju ta' personal assistant. Fi kwalunkwe kaz, id-decizjoni li jrid jiehu dan it-Tribunal hi dwar jekk huwa ghandux ikompli jisma dan il-kaz.

KONSIDERAZZJONJIET

It-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors promotorju huma tnejn: l-ewwel wahda li l-ittra tal-10 ta' Dicembru 2007 imsemmija aktar il-fuq hija nulla; u t-tieni wahda li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ingusta b'dan li r-rikorrenti ghandha tinghata kumpens finanzjarju.

Dwar l-ewwel talba, li l-ittra tal-10 ta' Dicembru 2007 hija nulla, dan it-Tribunal semgha hafna provi li kif gia` inghad juru bic-car li r-rikorrenti giet impjegata b'mod dirett f'kariga ta' fiducja, u minkejja l-ilment tar-rikorrenti li hija ma kinitx qed tinghata xoghol li jikkombacja ma' din il-kariga, qabel ma nqala` dan il-kaz hija qatt ma lmentat mid-doveri moghtija lilha. Tabib jibqa' tabib anke jekk ma jfejjaqx morda, u mhallef jibqa' mhallef anke jekk ma jiddecidix kawzi, u l-istess jista' jinghad ghal skrivan jew assistant personali li l-kariga tieghu tigi determinata mill-kuntratt ta' l-impieg. Issa l-Avviz Legali 51 ta' l-2007, li jaghti d-dritt lil impjegat ghal zmien definit li jkollu l-impieg tieghu konvertit f'impieg ghal zmien indefinit, jghid li kull impjegat li jkollu xi dritt moghti lilu b'dan l-Avviz Legali miksur jista' jressaq l-ilment tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali, u cioe` biex jinghata rimedju. Izda l-ewwel talba tar-rikorrenti kif imposta hija ghal dikjarazzjoni ta' nullita` ta' att amministrattiv, u dan it-Tribunal jaqbel ma' l-intimat u mal-kjamat fil-kawza li decizjoni amministrattiva ta' dik ix-xorta ghandha tigi kontestata quddiem *forum* iehor bil-procedura stabbilita ghal dan il-ghan. Ghalhekk, fil-waqt li dan

it-Tribunal ghandu l-fehema tieghu dwar il-korrettezza o meno tal-pozizzjoni dikjarata li l-impieg tar-rikorrenti jibqa' ghal perjodu fiss, decizjoni dwar in-nullita` o meno ta' tali ittra ma taqax fil-mansjoni ta dan it-Tribunal u jiddikjara ruhu inkompetenti li jiddeciedi tali talba.

Dwar it-tieni talba ghal dikjarazzjoni ta' tkeccija ingusta u hlas ta' kumpens jinghad li tali materja taqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva ta' dan it-Tribunal. Jista' jaghti l-kaz li l-partijiet xtaqu jkollhom decizjoni dwar l-ewwel talba sabiex jigi determinat jekk hawn ahniex nitrattaw impieg ghal perjodu definit jew impieg ghal perjodu indefinit. Gialadarba ma hemmx decizjoni mod iehor minn Qorti kompetenti, dan it-Tribunal qieghed iqis l-impieg tar-rikorrenti bhala wiehed ghal zmien specifiku, kif kien mill-bidu u kif baqa' wara l-avviz imsemmi u kontenut fl-ittra ta' l-10 ta' Dicembru 2007. Madankollu dan it-Tribunal ghandu kompetenza jisma' kazijiet ta' tkeccijiet ingusti sew meta l-impieg huwa ghal zmien indefinit kif ukoll meta l-impieg huwa ghal zmien definit[2].

Fit-trattazzjoni tieghu, l-abbli difensur ta' l-intimat u tal-kjamata fil-kawza ssottometta li jekk qed nitrattaw impieg ghal zmien definit, f'kaz ta' tkeccija gustifikata r-rikorrenti ma' tkun intolata ghal xejn mentri f'kaz ta' tkeccija gustifikata r-rikorrenti tkun intitolata ghal nofs is-salarju li kien ikun dovut kieku hija baqghet fl-impieg, kumpens li l-kjamat fil-kawza diga' hallas lir-rikorrenti. Di fatti l-partijiet ivverbalizzaw fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2008 li in segwitu ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti l-istess rikorrenti giet imhallsa nofs is-salarju li hija kienet tippercepixxi li kieku baqghet fl-impieg sa l-ahhar tal-kuntratt. Ghalhekk, skond l-istess difensur, il-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma ezawriti. Dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din is-sottomissjoni ghaliex il-kuntratt ta' l-impieg tar-rikorrenti imur oltre dan il-kumpens: Artikoli 6.10 u 6.11 tal-kuntratt jiddeterminaw x'jigri f'kaz li l-impieg tar-rikorrenti jigi terminat qabel iz-zmien. Dawn l-Artikoli huma favorevoli ghall-impjegat aktar milli tipprovdi l-ligi, u ghalhekk jipprevalu. Jekk ikun hemm raguni valida ghat-terminazzjoni bikrija r-rikorrenti ma tkun

[2] vide Rita Nehls vs Sterling Travel and Tourism Limited - Qorti ta' l-Appell tat-23 ta' Frar 2005

accetta li jhallas parti minn din is-somma, izda ghad fadal jigi determinat jekk it-tkeccija kinitx gustifikata u allura jekk ir-rikorrenti ghandhiex tithallas ukoll il-kumplament tar-rimunerazzjoni tas-6 xhur.

DECIZJONI

Ghaldaqstant, wara li ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed jiddikjara li huwa mhux kompetenti jiddeciedi dwar il-validita o meno ta' l-ittra tal-10 ta' Dicembru 2007 mibghuta lir-rikorrenti, izda huwa kompetenti jiddeciedi jekk it-tkeccija tar-rikorrenti kinitx wahda gustifikata jew le. Ghalhekk it-Tribunal qed jordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kaz fir-rigward tat-tieni talba biss.

**Dr Leslie Cuschieri**
Chairman